# Jeħtieġ niftiehmu

Fil-ħarġa ta' Settembru-Ottubru ta' "Leħen il-Malti", is-Sur Ivo Muscat Azzopardi għamel ħames mistoqsijiet dwar kelmiet li għadhom ma jinkitbux xorta sal-lum, saħansitra minn kittieba magħrufin, bit-tama li dan it-tibjin żgħir iżda li jfixkel, jintemm darba għal dejjem għall-ġid tal-Letteratura Maltija.

It-tnebbiħiet tas-Sur Ivo Muscat-Azzopardi kienu ilhom ħafna f'moħħi, iżda dejjem ħassejt il-pinna titqal f'idejja għax dejjem bżajt li l-ftehim li jridna naslu fih is-Sur Muscat Azzopardi — u kull min iħobb il-Malti — ma jista' jasal qatt. U dan għal żewġ għalixijiet: waħda l-bruda li ssaltan fuq uħud li jistgħu jgħinu ħalli dan it-tfixkil jitnaqqas, u l-oħra minħabba l-kburija ta' oħrajn li jriduha tgħaddi tagħhom.

Barra n-nuqqas żgħir ta' ftehim li għad hemm bejn il-kittieba tal-Malti f'dik li hi ortografija, hemm marda oħra li, fil-fehma tiegħi, hija aktar qalila u aktar ta' ħsara minn dik li semma s-Sur Muscat-Azzopardi. Din hija l-ħolqien ta' kliem malti ġdid minn kittieba li m'humiex imħarrġin biżżejjed fl-etimoloġija, jiġifieri dik it-taqsima tal-filoloġija li titkellem fuq nisel u tiswir il-kliem.

Bla ma noqgħod nistaħba wara sebgħi, irrid nistqarr li wieħed minn dawn il-ħatjin huwa aktarx jien. Xewqanin li jagħnu 'l-Malti bi kliem ġdid u mimlijin ħrara li jwarrbu l-kliem barrani, bosta kittieba żgħar u kbar tarahom isawru

verbi u kliem ġdid għalakifhom. Dan it-tiswir ta' kliem waqtiet ikun tajjeb, jingħoġob u kittieba oħra jiddakkru jiktbuh, iżda daqqiet il-barma tal-verb li jkun tkun ħażina u l-kelma l-maħluqa ma tkunx tfisser sewwa dak li wieħed ikun jixtieq igħid.

Id-dizzjunarji li għandna donnhom ma jaqdux biżżejjed lill-kittieb tal-lum. Bħalma qal is-Sur Toni Said, fil-ħarġa ta' "Il-Malti" ta' Settembru, illum wieħed jiltaqa' ma' ħafna kliem ġdid, modern. Għadiet ġodda jitolbu ismijiet ġodda.

Id-dizzjunarju li qiegħed joħroġ il-Gvern, jisgħobbija ngħid barra li hu miexi bil-qajla wisq, donnu mhuwiex dak id-dizzjunarju li l-kittieba tal-Malti kienu jixtiequ, għad li wieħed ma jistax ma jgħożżx il-ħidma ta' dawk li qegħdin isawruh.

Dan il-ktejjeb u sieħbu, "Il-Malti", għenu ħafna fix-xandir ta' kliem ġdid, imma bosta drabi dan ix-xandir ikun il-fehma ta' bniedem *waħdu*. Il-fehma tal-ħbieb tal-Malti m'hijiex din. Il-fehma tagħna hija dik li l-membri akkademiċi tal-Għaqda tal-Kittieba, bil-għajnuna ta' għorrief fil-filoloġija, jiltaqgħu kulltant żmien biex jaqtgħu liema kliem ġdid jista' jagħni 'l-Malti u liema huwa l-kliem imgħallat fost dak li qiegħed jinkiteb. Biċċa xogħol irqiqa, naf, iżda meħtieġa u meħtieġa tassew jekk tabilħaqq nixtiequ li l-Letteratura Maltija timxi 'l quddiem.

NIKOL BIANCARDI.